REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1233/2009

tal-15 ta' Diċembru 2009

li jistabbilixxi miżura speċifika ta' appoġġ għas-suq fis-settur tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS unika) [1] u b'mod partikulari l-Artikoli 186 u 188(2), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-prezzijiet tas-suq dinji għall-prodotti tal-ħalib waqgħu speċjalment minħabba tnaqqis fid-domanda b'konnessjoni mal-kriżi finanzjarja u ekonomika. Il-prezzijiet tas-suq Komunitarju għall-prodotti tal-ħalib waqgħu wkoll b'mod sinifikanti minħabba l-kriżi u minħabba bidliet fil-provvista.

(2) It-tnaqqis qawwi tal-prezzijiet tal-prodotti tal-ħalib fl-Unjoni Ewropea affettwa ħafna l-prezzijiet stabbiliti mill-azjenda agrikola. Hemm bżonn ta' perjodu sinifikanti biex ikun hemm irkupru sostenibbli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jingħataw pakkett finanzjarju biex jappoġġjaw lill-bdiewa produtturi tal-ħalib li ntlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi tal-ħalib u li minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, qed jaffaċċjaw problemi ta' likwidità.

(3) Il-pakkett finanzjarju ta' kull Stat Membru għandu jkun ikkalkulat fuq il-produzzjoni tal-ħalib tal-2008/2009 fil-kuntest tal-kwoti nazzjonali. L-Istati Membri għandhom iqassmu dak l-ammont nazzjonali disponibbli fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u b'mod mhux diskriminatorju filwaqt li jevitaw kwalunkwe distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni.

(4) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha ssir b'kunsiderazzjoni għall-arranġamenti istituzzjonali ta' kull Stat Membru.

(5) L-appoġġ għall-bdiewa produtturi tal-ħalib għandu jingħata bħala miżura ta' intervent biex ikunu rregolati s-swieq skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [2].

(6) Minħabba raġunijiet ta' baġit, il-Komunità se tiffinanzja n-nefqa mġarrba mill-Istati Membri b'relazzjoni mal-appoġġ finanzjarju tal-bdiewa produtturi tal-ħalib meta dawn il-pagamenti jsiru sa ċertu data ta' skadenza.

(7) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-monitoraġġ u l-amministrazzjoni tajba tal-pakketti nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-kriterji oġġettivi użati biex ikunu ddeterminati l-metodi biex jingħata l-appoġġ u l-azzjonijiet meħuda biex tkun evitata d-distorzjoni tas-suq.

(8) Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa produtturi tal-ħalib jirċievu l-appoġġ malajr kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw dan ir-Regolament malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jużaw l-ammonti stipulati fl-Anness biex jipprovdu appoġġ lill-bdiewa produtturi tal-ħalib li ntlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi tal-ħalib fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u b'mod mhux diskriminatorju sakemm dawn il-pagamenti ma jikkawżawx distorzjoni tal-kompetizzjoni.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

[2] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

Artikolu 2

1. Il-miżuri stipulati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' intervent biex jirregolaw is-swieq agrikoli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-pagamenti b'relazzjoni mal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 1, mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 3

Rigward l-għajnuna stipulata fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni:

(a) mingħajr dewmien u mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2010, deskrizzjoni tal-kriterji oġġettivi użati biex ikunu ddeterminati l-metodi għall-għoti tal-appoġġ u l-miżuri meħuda biex tkun evitata d-distorsjoni tas-suq;

(b) mhux iktar tard mit-30 ta' Awwissu 2010, l-ammonti totali tal-għajnuna mħallsa u l-għadd u t-tip tal-benefiċjarji.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-15 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS [1]

Miljun EUR

BE	7,212824
BG	1,842622
CZ	5,792943
DK	9,859564
DE	61,203560
EE	1,302069
IE	11,502500
EL	1,581891
ES	12,792178
FR	51,127334
IT	23,031475
CY	0,316812
LV	1,445181
LT	3,099461
LU	0,597066
HU	3,565265
MT	0,084511
NL	24,586045
AT	6,052604
PL	20,211209
PT	4,084693
RO	5,010401
SI	1,143094
SK	2,034727
FI	4,831752
SE	6,427521
UK	29,260698
EU-27	300,000000

[1] Ibbażat fuq il-produzzjoni tal-ħalib għall-2008/2009 fil-kuntest tal-kwoti nazzjonali.